VALLETTA
*Città Umilissima*

KUNSILL LOKALI VALLETTA | VALLETTA LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Is-Sebgħa Kunsill - SEDUTA Nru. 10

It-Tlieta, 5 ta' Novembru, 2013, fil-7.00 p.m

Il-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta ltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu, 31 Triq Nofsinhar,

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli ppresida.

**PREZENTI**

Kienu prezenti l-Kunsillieri Dr Alexiei Dingli, Christian Darren Micallef, Vincent Farrugia Lauri, Raymond Azzopardi, Raymond Attard u Vincent Fabri.
Dr Normal Shaw kien skuzat.

**TALBA**

Is-Sindku Dr Alexiei Dingli qal it-talba.

Il-minuti tas-Seduta Nru 9 li saret nhar It-Tlieta, 5 ta' Ottubru, 2013, fil-7.00 p.m kienu ikkonfermati.

## 1. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

1.1 Il-Kunsillier Raymond Azzopardi nforma li xtaq jagħmel amenda fil-minuti peress li hu ma kienx infurmat min Clint Axisa.

## 2. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

2.1 Is-Sindku nforma dwar il-quddiesa tal-Pussess tal-San Duminku li ser issir nhar 1ta' Diċembru 2013.

2.2 Is-Sindku nforma dwar il-laqgħa li saret mar-rappreżentanti tar- republika ċeka. Saret diskussjoni dwar progetti li jistgħu jsiru fosthom:

2.2.1 Comenius project

2.2.2 Youth in Action

2.2.3 Skambju ta arti (MCCA)

2.3 Is-Sindku nforma li wara li ntbgħatet il-bye-law dwar il-faċċati lil kull kunsillier, staqsa jekk kienx hemm xi ħadd li jrid jagħmel xi kumment.

2.4 Is-Sindku nforma li l-kunsill ser jorganizza xi attivitajiet tal-Milied għar-residenti tal-Belt.

## 3. KOMUNIKAZZJONI TAL-KUNSILLIERI

3.1 Il-Viċi Sindku nforma li l-ħadida ta' quddiem il-Muzew tal-bniet fi Triq San Ursola kienet maqluha u din għandha titwaħħal mill-aktar fis possibli.

3.2 Il-Kunsillier Vincent Farrugia Lauri nforma li wara d-diskors tal-budget kkonċernat dwar il-problema li ser tinħoloq mar-residenti.

3.3 Il-Kunsillier Vincent Fabri nforma dwar sinjal li għandu jkun hemm fejn il-funtani.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Is-Sindku nforma dwar iż-żewg inviti min għand is-soċjetajiet tal-baned tal-Belt il—Kings Own u La Vallette.

4.2 Is-Sindku nforma li wara li l-kunsill rċieva memo dwar VOT16, ħareg is-sejħa online peress li ngħatat deadline qasira. L-Unika applikazzjoni li rċieva l-Kunsill kienet min għand Jurgen Briffa. Il-Kunsill kollu qabel

minbarra l-Kunsillier Raymond Azzopardi li nforma li kella ssir sejħa fuq gazzetta.

4.3 Is-Sindku nforma li l-kunsill bħas-sena l-oħra ser jagħti t-tilqima ta' l-influenza skond il-memo li rċieva l-kunsill. Il-Kunsill informa lill-parroċċi dwar it-tilqima.

**TMIEM**

Fil-20.30hrs intemmet is-Seduta w giet aggornata għat-Tnejn 9 ta' Diċembru 2013.

Gabriella Agius
Segretarja Eżekuttiva

**Konfermati:**

Alexiei Dingli
Sindku